MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Numru. 139/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**vs**

**ANTHONY SIVE ANTOINE RAPA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANTHONY SIVE ANTOINE RAPA,** ta' 36 sena, bin Joseph u Rosaria nee' Zammit, imwieled San Pawl il-Bahar, nhar l-4 ta' April 1969, u li joqghod "Marouska Flats", Flat 7, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 150769(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn il-11.30 ta' bil-lejl tal-11 ta' Frar 2001 u l-4:00 ta' filghodu tat-12 ta' Frar 2001, f'San Giljan, ikkommetta serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAK-679,

liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur li jiskorri l-elf lira Maltija (LM1,000) kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa sar ghad-detriment ta' Toby Ahearne mill-Ingilterra u ta' Paul Tanti mir-Rabat;

Kif ukoll talli nhar il-15 ta' Frar 2001, u matul il-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg u cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAK-679 gejja minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija;

Kif ukoll talli nhar il-15 ta' Frar 2001, u matul il-jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsuba ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni u/jew stqarrija falza, u/jew ta taghrif falz billi wahhal pjanca tar-registrazzjoni falza bin-numru CAE-351 kif ukoll licenzja tat-triq mahruga lil vettura EAJ-906 fuq il-vettura bin-numru originali CAK-679.

U fl-ahhar nett talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li gie mmarkat bhala Dok. CSH.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' April 2006 gie esebit il-Proces Verbal redatt mill-Magistrat Dr Carol M Peralta dwar hruq ta' vettura CAK 679 fil-Qawra nhar il-15 ta' Frar 2001 u li l-esperti hemm nominati gew kollha konfermati minn din il-Qorti f'dik l-istess seduta.

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fosthom is-segwenti:

**L-allura Spettur Carmelo Bartolo** illum Supretendent xehed fl-24 ta' April 2006 fejn iddikjara li kien sar rapport fit-12 ta' Frar 2001 minn certu Toby Ahearne gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan ghal habta ta' l-4.20am fejn informa lill-pulizija li kien ghadu kif sar jaf li persuna jew persuni mhux maghrufa kienu serqulu l-vettura li huwa kien kera u li kienet ipparkjata fi Triq Elija Zammit, San Giljan. Huwa nforma lill-pulizija li n-numru ta' din il-vettura kienet CAK- 679. Huwa kien zied jinforma lill-pulizija li l-ahhar li kien ra l-karozza kienet intatta ghall-habta tal-11.30pm u nduna li l-vettura li kien kera kienet nieqsa xil-4.00am.

Is-Supretendent spjega li skond stharrig preliminari li kien sar, is-sid ta' din il-vettura u cioe' min kera din il-karozza lil dan it-turist Ingliz kien certu Pawlu Tanti mir-Rabat. Dan il-persuna ta' Nazzjonalita' Ingliza ma kellu suspetti f'hadd.

Xi granet wara, precizament fil-15 ta' Frar 2001 ghall-habta tat' 8.40pm, ix-xhud kien gie nfurmat li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAK-679 kienet instabet. Huwa kien gie nfurmat li kien twaqqaf l-imputat Anthony sive Antoine Rapa. Peress li kienu ghadhom qed isiru l-verifiki dwar l-identita' ta' din il-vettura u ghal dak il-hin l-imputat ma kienx inzamm arrestat ghalkemm il-pulizija tal-Qawra zammew din il-vettura.

Irrizulta li din il-vettura kellha fuqha pjanci tar-registrazzjoni bin-numru CAE-351 u rrizulta wkoll li kellha *licence disc* partikolari li kien jghajjat lill-vettura EAJ-906. Meta gie nfurmat b'dan, huwa ta struzzjonijiet biex din il-vettura tibqa' *guarded* mill-pulizija sakemm jigi l-*low loader* biex jiehu l-vettura lejn is-CID ghal iktar investigazzjonijiet u gie nfurmat li din il-vettura kienet thalliet ezatt quddiem il-bieb tal-ghassa tal-Qawra, tqeghdet vettura quddiemha tal-pulizija u ohra ma' genbha. Warajha kien hemm karozzi pparkjati u sa dak il-hin din il-vettura ma setghetx ticcaqlaq minn fejn kienet.

Ix-xhud kien gie nfurmat li s-surgent beda jipprova jaghmel l-arrangamenti kollha necessarji sabiex isib *fixed*

*point* biex joqghod ma' din il-vettura u allura sakemm ghamel dan l-arrangament, din il-vettura nqaflet bejn dawn il-karozzi. Gara li ftit tal-hin wara dahlet telefonata l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra li kien sar incident stradali fl-inhawi tal-Qawra u li kien hemm xi feruti. Is-surgent hareg minn gol-ghassa u saq il-vettura biex mar fuq il-post u allura issa l-passagg liberu ta' din il-vettura gie rilaxxat. Kif is-surgent irritorna lura ghax ma kien sab xejn fuq il-post fejn kien il-kaz, sab li din il-vettura Maruti Gypsy li kienet giet irraportata misruqa u li kienet qieghda mizmuma quddiem l-ghassa ma kinitx ghadha hemm. Saru tfittxijiet intensivi ghaliha u ma nstabitx u iktar tard mal-hin din il-vettura nstabet mahruqa fl-inhawi ta' San Pawl il-Bahar. Sadanittant komplew ifittxu lil Antoine Rapa ghax kien l-ahhar persuna li kien f'din il-vettura u sussegwentement huwa gie arrestat.

Minn stharrig preliminari li ghamel, irrizultalu li l-pjanci tar-registrazzjoni li kien hemm fuq din il-vettura, il-Maruti Gypsy li kienu CAE-351 kienu pjanci registrati fuq certu Kevin Abela.  Irrizultalu wkoll li l-licence disc EAJ-906 kienet mahruga fuq vettura li kienet proprjeta' registrata ta' Jason Paul Grima. Huwa ghalhekk kellem lil dan Jason Paul Grima u staqsieh rigward il-karozza. Dan irrizulta li fil-fatt kien il-kugin tal-imputat Antoine Rapa u qallu li kien beghlu din il-karozza xi tliet xhur qabel ma kien gara dan l-incident.  Din il-vettura fil-fatt kienet Lada ta' kulur abjad u kienet second hand. In segwitu staqsieh rigward it-transfer ta' din il-karozza u qallu li t-trasferiment suppost kien sar. Kellem ukoll lil Kevin Abela u dan qallu li huwa kien biegh karozza tal-ghamla Hillman Minx lil Antoine Rapa xi zmien qabel. Fil-fatt kien bejghhielu ghas-somma ta' xi Lm100 u qal li suppost it-trasferiment tal-vettura kien sar.

Wara mar ikellem lil Anthony sive Antoine Rapa u staqsieh dwar l-involviment li seta' kellu fis-serq ta' din il-vettura u anke fuq suspett serju li hu l-persuna li kien rega' ha din il-karozza minghand il-pulizija u haraqha pero' l-imputat kien ghazel li ma jirrispondi ghall-ebda domanda li saritlu. L-Ispettur gie nfurmat li hu kellu garaxx li jinsab fi Triq il-Villeggjatura San Pawl il-Bahar. Fil-fatt l-imputat accetta li kellu dan il-garaxx u kkopera mieghu

ghax marru u fethu dan il-garaxx u sabu l-vettura Hillman Minx u elevaha. L-imputat ghinhom fl-elevazzjoni tal-vettura in kwistjoni u seduta stante huwa esebixxa formalment din il-vettura quddiem din il-Qorti. Din il-vettura Hillman Minx hija dik bin-numru tar-registrazzjoni CAE-351 u ttiehed kollox ghand is-CID. Huwa rega' ffaccjah bil-fatt li l-Hillman Minx kienet fil-garaxx tieghu pero' huwa kien baqa' jinsisti li ma jirrispondi ghall-ebda domanda. Huwa kellem lill-proprjetarju tal-garaxxijiet in kwistjoni fejn instabet din il-vettura li huwa certu John Camilleri fejn ikkonfermalu li huwa kien biegh dan il-garaxx lill-imputat Antoine Rapa xi zmien qabel.

Sussegwentament ittiehdet stqarrija wara li kien gie avzat bid-drittijiet legali tieghu li ma kellux jirrispondi ghall-ebda domanda li kienet ser issirlu jekk xtaq hekk u li dak li kien ser jghid kien ser jitnizzel bil-miktub u kien ser jingab bhala prova. L-imputat baqa' jinsisti li ma jirrispondi ghall-ebda domanda li kienet ser issirlu.

Huwa kellem lis-sid tal-vettura in kwistjoni. Huma kienu akkumpanjawh flimkien mal-esperti tal-Qorti sabiex jara l-vettura mahruqa. Is-sid kien indika lill-espert tal-Qorti certu affarijiet li kellu fil-vettura bhala difetti u elenkhom fix-xhieda guramentata li kien ta fil-mori tal-inkjesta u fil-fatt dawn l-affarijiet rega' identifikahom minn dak li kien fadal mill-karkassa bhalma kien hemm xi ghafsiet fuq bibien partikolari u kien qallu wkoll li l-vettura definittivament kienet tiswa aktar minn Lm1,000. Huwa pero' kien qallu li kienet tiswa xi Lm3,000.

Sussegwentement fil-kors tal-investigazzjonijiet rigward dan il-kaz, huwa kien talab lill-awtoritajiet tat-telefonija biex jelenkawlu x'telefonati kienu dahlu fl-ghassa tal-pulizija tal-Qawra dakinhar. Pero' spjega li meta ghamel dan l-ezercizzju kien ghadda z-zmien ghax dak iz-zmien tal-allegat reat, din il-parti tal-investigazzjoni ma tantx kienu konxji minnha, ma tantx kellhom facilitajiet f'dan il-pajjiz biex isir dan ix-xoghol. Sfortunatament din l-informazzjoni ma setghetx tinghata. L-Ispettur iddikjara li kif gew konkluzi dawn l-investigazzjonijiet u nghalqet l-

inkjesta, huwa ressaq lil Antoine Rapa bl-akkuzi kif inhuma kontra tieghu.

Mistoqsi kif wasal ghall-valur tal-vettura in kwistjoni qal li wasal ghaliha wara li hu staqsa lil sidha kemm kien xtara l-vettura u qallu li kien xtraha Lm3,000 u kien juzaha biex jikriha. Mistoqsi jekk dahalx fid-dazju tal-akkwist wiegeb li le. Qal li dak li kien rilevanti ghalih kien l-*market price* tal-vettura ta' dak iz-zmien.

**Ix-xhud** kompla jixhed fid-19 ta' Gunju 2006 fejn esebixxa dokument li gie mmarkat Dok CB1 illi huwa l-licenzja tal-vettura EAJ 906. Din il-licenzja taghlaq f'Mejju 2001 u qieghda f'isem Jason Paul Grima. Huwa esebixxa wkoll *pocket* li gie elevat ukoll fil-kors tal-investigazzjoni fejn kien hawn *log book* li jappartjeni lill-vettura CAP-351 u fih ukoll dokument li jirrigwarda polza ta' sigurta' dwar l-istess vettura u li gie mmarkat bhala Dok CB2 komplessivament.

**Is-Supretendent Carmelo Bartolo** rega' xehed fis-16 ta' Settembru 2008 fejn esebixxa sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman fl-ismijiet '**Pulizija vs John Farrugia, Antoine Rapa u Joseph Aquilina'** moghtija nhar id-29 ta' Jannar 1999. Din is-sentenza giet immarkata bhala Dok. Z. Nhar it-23 ta' Ottubru 2008 esebixxa zewg sentenzi li l-Qorti mmarkat bhala Dok. MH u Dok. MH1 li huma zewg sentenzi li nghataw fil-konfront tal-imputat odjern.

**PS 298 Joseph Grima** xehed fid-19 ta' Gunju 2006 fejn iddikjara li fil-15 ta' Frar 2001 ghall-habta tas-7.30pm huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Qawra u kienu gew infurmati li l-vettura li kienet giet misruqa bin-numru tar-registrazzjoni CAK-679 kienet ipparkjata fi Triq Ghabex, San Pawl il-Bahar. Pero' din kellha numru tar-registrazzjoni differenti u cioe' CAD-351. Huwa ghalhekk ikkonstata li din kienet l-istess karozza pparkjata u peress li ma kellhomx min joqghod maghha, huma hadu din il-karozza hdejn l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra. Huwa s'hemmhekk biss wasal bl-investigazzjoni tieghu.

Ix-xhud esebixxa kopja tal-okkorrenza relattiva li giet immarkata bhala Dok. CB3 u li ghandha l-updates li ghamel hu dwarha fuq ir-rapport originali li kien sar fl-ghassa tal-pulizija San Giljan. Huwa spjega li meta huwa ra l-karozza l-ewwel darba kienet ipparkjata fi Triq Ghabex. Din hija triq *one way* u kienet ipparkjata fuq in-naha tax-xellug tat-triq b'mod regolari. Huwa sostna li ma kienx agixxa minn jeddu izda ghax kellu rapport minn sid din l-istess vettura. Il-karozza kienet tal-ghamla Maruti Jeep bajda u kienet karozza tal-kiri. Meta nstabet il-karozza kellha pjanci differenti.

Ix-xhud inqratlu x-xhieda li huwa kien ta quddiem l-espert tal-Qorti Alfred Vella u qal li din ix-xhieda hija veritjiera u tinsab inserita fl-atti a fol 65. Huwa jiftakar li kien kellem lill-imputat u kien staqsieh dwar din il-vettura kien qallu li ma kien jaf xejn dwarha. Huwa kien ipprova jkellem lill-imputat dwar din il-vettura peress li l-vettura kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tieghu u sidha kien iddikjara li kien ra lill-imputat isuq din l-istess vettura.

Ix-xhud gie muri Dok CB1 u Dok CB2 u spjega li Dok CB1 huwa r-*road licence* li kienet imwahhla mal-windscreen li eleva x-xhud stess u Dok CB2 hu dokument tan-number plate ta' certu Kevin Abela. Kevin Abela kien qal lix-xhud li kien biegh din il-vettura msemmija fil-log book lil Antoine Rapa. Ix-xhud kien staqsa lill-imputat jekk il-vettura in kwistjoni kinitx tieghu izda wiegbu li ma kellu x'jaqsam xejn maghha. Huwa kkonferma li l-wires hdejn l-istarter kienu mqacctin.

**Brian Farrugia** xehed fid-19 ta' Gunju 2006 fejn spjega li kien gie mitlub biex jaghmel ricerka fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAK-679. Din il-vettura hija tal-ghamla Maruti Gipsy li hi registrata fuq certu Tanti detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 817853(M) mid-9 ta' April 1999 sal-lum. Il-vettura l-ohra bin-numru tar-registrazzjoni CAD-351 hija vettura ta' kulur abjad bl-ahdar u li hija registrata f'isem Kevin Abela detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 142974(M) u dan bejn il-perjodu ta' 2 ta' April 1997 sal-lum. Ix-xhud ghamel referenza ghall-vettura EAJ-906 u qal li din hija vettura tal-

ghamla Lada 2105 ta' kulur abjad registrata f'isem Jason Paul Grima detentur tal-karta tal-identita' numru 391770M.

**Paul Tanti** xehed fit-18 ta' Settembru 2006 fejn iddikjara li huwa jidderigi KWA Rent-A-Car. Minn fost il-karozzi li ghandu, hemm il-karozza bin-numru CAK 679 tal-ghamla Maruti Jeep ta' kulur abjad. Din il-karozza huwa kien xtraha xi Lm 4,100. Huwa jiftakar li fi Frar 2001 din il-karozza kien kriha lil xi barrani u waqt li kienet fil-pussess tieghu kienet giet misruqa. Huwa ma jafx min kienet din il-persuna. Huwa kien ghadda dan ir-rapport lill-pulizija. Il-persuna ghand min kienet mikrija l-karozza qallu li kienet giet misruqa waqt li kienet Tas-Sliema, San Giljan. Huwa ma sema' xejn wara fuq din il-karozza.

Ix-xhud jaf li xi zmien wara kienu cemplulu l-pulizija u qalulu sabiex imur jigbor il-karozza minn ghandhom. Effettivament huwa mar ghand il-pulizija u kien sab il-karozza tieghu fil-kondizzjoni li huwa kien kriha. Huwa minn dak iz-zmien lil hawn ma sema' xejn izjed fuqha. Din il-karozza baqa' qatt ma' hadha lura. Huwa kien raha l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra.

Sussegwentament il-pulizija nfurmawh li l-karozza tieghu nharqet. Huwa mar il-*compound* Ta' Kandja u kien ra l-karozza tieghu mahruqa hemmhekk. Mistoqsi jekk gharafx il-karozza tieghu li kienet mahruqa f'Ta Kandja qal li gharafha. Huwa ma jiftakar xejn partikolari ghaliex kien gharafha. Ix-xhud iddikjara li huwa thallas ta' din il-karozza minghand l-insurance.

Ix-xhud inqratlu x-xhieda li huwa kien ta quddiem il-Profs Alfred Vella nhar is-16 ta' Frar 2001 fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, liema xhieda tinsab inserita fl-atti a fol 44 u huwa kkonfermaha fl-intier taghha. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex il-prezz hemmhekk imsemmi huwa differenti minn dak li qal illum qal ghax il-prezz ta' Lm 3,500 huwa l-prezz minghajr VAT.

**Is-Supretendent Raymond D'Anastas** xehed fl-14 ta' Frar 2007 fejn gie muri r-rapport maghmul minnu stess mill-Magistrat Dr Carol Peralta nhar il-15 ta' Frar 2001

dwar serq u sejba ta’ vettura tal-marka Gypsy bin-numru originali CAK-679. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq dan ir-rapport u hu kkonferma l-kontenut tieghu.

Rat fil-verbal tal-14 ta’ Gunju 2007 li l-Prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. Z.

**Paul Tanti** rega’ xehed fl-14 ta’ Gunju 2007 fejn meta gie mistoqsi x’inhu x-xoghol tieghu, huwa qal li ghandu Rent-A-Car. Huwa armat in-naha ta’ Bugibba. Mistoqsi jekk fil-flotta tieghu kellux vettura CAK-679 wiegeb li kellu u li kienet Jeep Maruti. Huwa xi zmien qabel kien ghamel rapport illi l-karozza tieghu kienet giet misruqa. Ix-xhud stqarr illi ma kienx hu li ghamel ir-rapport pero’ kien jaf li l-karozza kienet misruqa. Din il-vettura kienet mikrija ghand Ingliz. Huwa kien gie nfurmat li l-karozza kienet giet misruqa minn San Giljan. Sussegwentement kienu cemplulu l-Pulizija tal-Qawra sabiex imur jidentifika l-karozza tieghu.

Huwa ddikjara li qatt ma ra lil xi hadd partikolari b’din il-vettura. Huwa lanqas qatt ma cempel lill-Pulizija. Il-vettura kienet tiswa xi Lm 4,200. Din il-karozza kienet regghet insterqet it-tieni darba meta kienet quddiem l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra. Ghal darb’ohra regghu baghtu ghalih fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra biex jaghraf il-karozza li nsterqert. Meta serquha minn quddiem l-ghassa tal-Qawra kienu harquha u kienet giet *total loss*. Il-vettura in kwistjoni kienet gdida fjamanta. Huwa jiftakar li kien xehed fl-atti tal-inkjesta u s-Supretendent qralu din ix-xhieda seduta stante. Huwa kkonferma li din hija x-xhieda li huwa kien ta.

**Joseph Zammit** xehed fis-27 ta’ Marzu 2008 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat Dr Carol Peralta b’digriet tieghu tal-15 ta’ Frar 2001 in konnessjoni ma’ serq ta’ vettura tal-ghamla Jeep tal-marka Maruti Gypsy bin-numru tar-registrazzjoni CAK 679. Ix-xhud ra r-relazzjoni tieghu esebita fl-atti, liema dokument huwa mmarkat bhala Dok. JZ u jinsab inserit a

fol 68 et seq. Huwa ddikjara li m'ghandu xejn xi jbiddel jew xi jzid mal-konkluzjoni tieghu.

**John Camilleri** xehed fis-16 ta' Settembru 2008 fejn ikkonferma li fis-sena 2001 huwa kellu kumpanija J & C Co Ltd. Huwa kien jinnegozja xi garaxxijiet li kellu gewwa GT, Court A, Triq il-Villegjatura, San Pawl il-Bahar. Dawn kienu blokk garaxxijiet li jinsabu taht blokka flats. Huwa jaf lill-imputat odjern ghax kien bieghlu garaxx li jinsab f'GT Court. Eventwalment kien sar kuntratt. Ix-xhud esebixxa kopja ta' dan il-kuntratt li sar dwar il-bejgh tal-garaxx li l-Qorti mmarkat bhala Dok CC. Il-garaxx huwa kien bieghulu fit-18 ta' Novembru 1996.

**David Saliba** xehed fit-23 ta' Ottubru 2008 fejn gie muri sentenza fl-ismijiet 'Spettur David Saliba vs Anthony Rapa' li hi esebita f'dawn l-atti u mmarkata bhala Dok MH1. Huwa kkonferma li dak iz-zmien huwa kien ghadu Spettur fil-korp tal-pulizija. Huwa kkonferma wkoll li l-imputat odjern huwa l-istess persuna kontra min inghatat dik is-sentenza.

**L-Ispettur Carmelo Magri** xehed fit-23 ta' Ottubru 2008 fejn gie muri sentenza fl-ismijiet '**Spettur Carmelo Magri vs John Farrugia et'** li hi esebita f'dawn l-atti u mmarkata Dok MH. Huwa kkonferma li l-imputat odjern huwa l-istess persuna kontra min inghatat dik is-sentenza u ddikjara li f'dik is-sentenza huwa kien l-ufficjal prosekutur u investigattiv.

**L-Ispettur Jesmond Micallef** xehed fid-19 ta' Mejju 2009 u ddikjara li huwa kien gie nominat waqt li kien surgent fl-atti tal-inkjesta dwar hruq ta' vettura tat-tip Maruti Jeep bin-numru tar-registrazzjoni CAK-679 gewwa Ta' Qarbuni l/o Burmarrad u dan b'digriet tal-Magistrat tal-Ghassa Dr Carol Peralta nhar is-16 ta' Frar 2001. Huwa ra r-relazzjoni tieghu esebita f'dawn l-atti u gharaf il-firma tieghu fiha. Huwa m'ghandu xejn xi jbiddel fil-konkluzjoni tieghu hemm imsemmija.

**Ruth Abela** xehdet fid-19 ta' Frar 2013 fejn iddikjarat li fi Frar 2001 kienu baghtu ghaliha l-pulizija u kienu kellmuha

dwar karozza tal-ghamla Hilman Hix ta’ kulur ahdar bis-saqaf abjad u din kienet irregistrata f’isem zewgha Kevin Abela. Hija spjegat li zewgha kien biegh din il-karozza lil Antoine Rapa u dan ghax hu kellu wahda bhalha u xtaq jixtriha minhabba l-*parts* taghha. Hija taf li l-imputat xtraha u ggaraxxjaha pero’ ma tafx x’sar wara.

Mistoqsi jekk it-trasferiment kienx sar wiegbet li kien sar fl-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra. Hija tiftakar li wara li kienu bieghuhielu kien wasal iz-zmien biex tinbidel il-licenzja u l-insurance u ghalhekk ix-xhud kienet talbet lill-imputat biex jaghtiha l-pjanci tan-numri tal-vettura u l-imputat qalilha li kien ser jiggaraxxjaha hu. Hija spjegat li l-imputat jigi l-kugin taghha u ghalhekk kienet titkellem hi mieghu flok zewgha. Ir-ragel taghha ghadu haj. Mistoqsi jekk qattx rat il-karozza minn dak iz-zmien lil hawn wiegbet li ratha d-depot tal-pulizija.

**Kevin Abela** xehed fid-19 ta’ Frar 2013 fejn gie mistoqsi jekk jiftakarx li kienu kellmuh il-pulizija wiegeb li iva fis-sena 2001 kienu baghtu ghalih u effettivament kien irrilaxxa stqarrija. Il-Qorti taghtu twissija li jekk jista’ jinkrimina ruhu b’dak li ser jghid huwa ghandu d-dritt li ma jwegibx. Huwa spjega li l-Pulizija kienet baghtet ghalih ghax hu kien biegh karozza tieghu tal-ghamla Hillman Hix lill-imputat odjern. Ghalkemm huwa biegh il-vettura din baqghet tghajjat lilu minkejja li kienu ghamlu transfer fl-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra. Mistoqsi ghaliex il-karozza baqghet tghajjat lilu, wiegeb li ma jafx.

Huwa tenna li n-numru tal-pjanci huwa CAE-351 u l-karozza kienet hadra bis-saqaf abjad. Ix-xhud gie mgharraf li dawn il-pjanci nstabu fuq karozza ohra li kienet misruqa. Huwa qal li dwar dan ma jaf xejn. Fil-fatt huwa lanqas kien jaf x’sar minnha din il-karozza li kellu. Huwa jahseb li kien ilu li biegh din il-karozza xi xhur qabel mal-Pulizija kienu baghtu ghalih. Mistoqsi ghaliex l-imputat kien xtara l-vettura tieghu wiegeb li l-imputat jigi minn martu u kien qallu li missieru kellu karozza bhalha u xtaq jixtriha ghall-parts. Huwa kien beghielu xi Lm 90.

**Jason Paul Grima** xehed fid-19 ta' Frar 2013 u ddikjara li l-Qorti taghtu twissija li jekk huwa jahseb li b'dak li ser jghid ser jitfa' l-gebla fuq saqajh ghandu d-dritt li ma jwegibx ghad-domandi li ser jigu mposti fuqu. Huwa gie mgharraf ukoll mill-Pulizija li m'hemm l-ebda proceduri mill-Pulizija fil-konfront tieghu sa issa.

Ix-xhud jaf li xi zmien ilu huwa kien proprjetarju tal-vettura tal-ghamla Lada bin-numru tar-registrazzjoni BAJ-906. Huwa kien biegh din il-vettura lill-kugin tieghu li huwa l-imputat Antoine Rapa. Mistoqsi kemm kien ilu li beghielu din il-vettura qabel ma baghtu ghalih il-Pulizija qal li kienet kwistjoni ta' xhur u effettivament nesa' kemm kien beghielu.  Din il-vettura kienet bajda u kienet tappartjeni liz-zija tax-xhud qabel ma kienet giet ghandu. Huwa qatt ma kellu problemi in konnessjoni ma' din il-karozza. Fil-fatt huwa qatt ma ghamel xi rapport dwar xi serq taghha lanqas. Huwa jiftakar li xi zmien ilu huwa kien gie arrestat mill-Pulizija u kien gie mgharraf li l-licenzja tal-vettura tieghu kienet instabet gewwa karozza ohra. Dwar dan pero' huwa ma kien jaf xejn. Fil-fatt ix-xhud stqarr li l-Pulizija kienu marru jfittxuh id-dar ta' ommu u kienu staqsewh jekk huwa kienx il-propjetarju tal-karozza Lada u huwa kien infurmahom li dik il-vettura huwa kien diga bieghha lill-kuginuh li jigi l-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat dwar it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza kif registrata waqt is-seduta tal-erbgha (04) ta' April 2013 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu dwar it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-erba' (04) ta' April 2013.

Illi nhar l-4 ta' April 2013 id-difiza talbet li jigi nominat Ufficcjal tal-Probation sabiex ihejji *social inquiry report* u l-

Qori kienet laqghet it-talba. Illi nhar l-24 ta' April 2013 l-Qorti giet infurmata tramite l-ufficjal tal-Probation Antonella Spagnol li l-ufficcjal inkarigat f'dan il-kaz kienet il-persuna ta' Joanna Farrugia.

Illi nhar is-6 ta' Gunju 2013 dehret l-Ufficjal tal-Probation Joanne Farrugia u pprezentat ir-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala Dok JF. Dina spjegat li l-imputat kellu trobbija tajba f'familja rispettabli pero' meta beda jitfarfar kellu xi jghid ma' ommu minhabba li ried joqghod barra sa tard bil-lejl. Qalet li huwa kien mizzewweg ma' mara Russa izda illum huma divorzjati ghandu tifel minn mara Maltija li maghha kellu realzzjoni u llum ilu jghix ma' mara ohra ghal dawn l-ahhar erba' snin, f'relazzjoni li fil-fehma taghha hija wahda stabbli. Jidher li ghalkemm l-imputat jaf imidd idejh ilu bla impieg regolari sa mis-sena 1996 kif jirrizulta mill-formula tal-ETC. Minn ezami tal-fedina penali tieghu jidher li kiser dufrejh mal-ligi f'diversi drabi ghalkemm mis-sena 2005 'l hawn ma fetah l-ebda kaz iehor gdid. Spjegat li l-imputat kien mizmum il-habs fuq sentenza kif ukoll fi tlett okkazjonijiet ohra fuq arrest preventiv. Ikkonfermat li kazijiet pendenti ghandu tnejn fi stadju ta' Appell, f'wahda minhom kien wehel erba' snin prigunerija u l-ohra sena u nofs prigunerija.

Spjegat illi hija ghamlet ukoll kuntatt mal-agenziji li joffru ghajnuna ghal dawk li jabbuzaw bid-droga jew bix-xorb u ma jirrizultax li l-imputat qatt kien f'kuntatt maghhom. Spjegat illi l-imputat issottometta ruhu ghal xi testijiet dwar il-presenza o meno ta' sustanzi illeciti u dawn taw rizultat negattiv ghal presenza ta' kokaina, eroina u Cannabis.

Ikkonkludiet billi qalet li l-imputat kien segwit mill-Ufficcjal tal-Probation fuq Ordni ta' Servizz fil-Komunita' wara li kien gie kompilat pre-sentencing report fil-konfront tieghu. Dan il-kaz imur lura ghas-sena 2005 fejn is-sentenza nghatat fis-sena 2006 u nghatat Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ta' mija u hamsin siegha xoghol Huwa wettaq dawn is-sieghat fi hdan l-*Abbandoned Animals Association* fejn wettaqhom b'mod sodisfacenti ferm u minghajr problemi. Tenniet li l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul il-kompilazzjoni ta' dan ir-rapport taghha.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2013 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

## Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq il-Qorti fi Frar 2006 pero' bejn l-4 ta' Dicembru 2008 sad-19 ta' Frar 2013 il-partijiet ma resqu l-ebda provi. Jinghad li ghalkemm l-Avukat Genrali kien baghat l-Artikoli fil-konfront ta' l-imputat nhar il-25 ta' April 2008 il-Prosekuzzjoni ghalqet il-kaz taghha nhar id-19 ta' Frar 2013. Jinghad li nhar is-6 ta' Lulju 2010 din il-kawza kient giet differita Sine Die u dan ghaliex fil-fehma tal-Qorti ma kien qed isir l-ebda progress u il-Prosekuzzjoni u l-imputat ghal numru ta' seduti konsekuttivi ma dehrux. Kien biss wara li l-Prosekuzzjoni pprezentat rikors fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' Frar 2013 li din il-kawza regghet giet riappuntata u kien fis-seduta tad-19 ta' Frar 2013 li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li m'ghandhiex provi ohra xi tressaq u li ghalhekk gew moqrija l-Artikoli u l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti. Fil-fatt xahrejn wara l-imputat irregistra ammissjoni ghat-tielet u raba' akkuza. Jinghad li l-amessa akkuza hija konsegwenzjali fis-sens li stante li l-imputat ammetta l-akkuza ta' uzu ta' dokument falz, l-akkuza ta' recidiva tirrizulta wkoll u dan wara li l-Qorti rat id-diversi sentenzi li gew esebiti fl-atti u kkonfermati fil-konfront ta' l-imputat u ghalhekk din l-akkuza ta' recidiva hija ben provata. Jibqa' biss ghalhekk l-akkuza ta' serq aggravata bil-mezz, valur, hin u bin-natura tal-haga misruqa u l-akkuza alernattiva ta' ricettazzjoni.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tezamina il-process u appuntu x-xhieda li instemghu sabiex tara liema fost iz-zewg akkuzi u cioe' serq aggravat u ricettazzjoni tirrizulta. **Spettur Carmelo Bartolo** illum Supretendent xehed fl-24 ta' April 2006 fejn iddikjara li kien sar rapport fit-12 ta' Frar 2001 minn certu Toby Ahearne gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan ghal habta ta' l-4.20am fejn informa lill-pulizija li dakinhar stess kienet insterqitlu l-vettura tal-ghamla Maruti Gypsy CAK- 679 li kien kera minghand

Pawlu Tanti mir-Rabat. Jghid ukoll li xi granet wara, precizament fil-15 ta' Frar 2001 ghall-habta ta'8.40pm, ix-xhud kien gie nfurmat li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAK-679 kienet instabet. Huwa kien gie nfurmat li kien twaqqaf l-imputat Anthony sive Antoine Rapa. Peress li kienu ghadhom qed isiru l-verifiki dwar l-identita' ta' din il-vettura u ghal dak il-hin l-imputat ma kienx inzamm arrestat ghalkemm il-pulizija tal-Qawra zammew din il-vettura. Is-Supretendent ma jghid xejn dwar fejn kien riekeb l-imputat f'din il-karozza u min kien effettivament waqfu biha.

Jghid pero' li din il-vettura kienet ittiehdet l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra u tpoggiet bejn zewg karozzi wahda tas-servizz u l-ohra personali tal-pulizija sabiex b'hekk il-vettura ma setghetx titlaq minn fuq il-post. Gara pero' li f'xi hin il-pulizija caqilqu l-vettua tas-servizz u b'hekk il-vettura Maruti giet liberata fis-sens li setghet tinstaq 'l hemm. Il-Pulizija marru fuq kollizjoni u meta rritornaw lura l-ghassa il-vettura ma kinitx ghadha hemm fejn kienet thalliet. Saru tfittxijiet intensivi ghaliha u ma nstabitx u iktar tard mal-hin din il-vettura nstabet mahruqa fl-inhawi ta' San Pawl il-Bahar.

**PS 298 Joseph Grima** xehed fid-19 ta' Gunju 2006 fejn iddikjara li fil-15 ta' Frar 2001 ghall-habta tas-7.30pm huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Qawra u kienu gew infurmati li l-vettura li kienet giet misruqa bin-numru tar-registrazzjoni CAK-679 kienet ipparkjata fi Triq Ghabex, San Pawl il-Bahar. Illi sussegwentement ta ordni sabiex il-vettura tingieb l-ghassa tal-pulizija l-Qawra u fil-fatt ittiedet hemmhekk pero' thalliet barra l-ghassa minghajr skorta tant li wara giet misruqa mil-gdid minn quddiem l-ghassa u nstabet mahruqa dakinhar stess aktar tard. Is-surgent ma jghidx kif effettivament il-vettura ittiehdet minn quddiem l-ghassa jew jekk l-imputat odjern ippartecipax f'dan ir-rigward. Huwa kien ipprova jkellem lill-imputat dwar din il-vettura peress li l-vettura kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tieghu u sidha kien iddikjara li kien ra lill-imputat isuq din l-istess vettura. Minkejja dan u cioe' li jghid li sidha ra lill-imputat isuq il-vettura dan qatt ma ngieb jixhed u jghid dak li kien qal lis-surgent u ghalhekk tali xhieda

m'hi xejn hlief xhieda inammissibbli stante li tammonta ghal detto del detto. Qal pero' li jiftakar li l-wires tal-vettura kienu imqactin.

**Paul Tanti** jghid li kien gharaf il-vettura in kwistjoni meta kienet ipparkjata quddiem l-ghassa u kkonferma li din kienet il-vettura li kien kera lill-barrani. Jghid pero' li rega' raha f'Ta Kandja ghand il-pulizija mahruqa xi zmien wara. Huwa fl-ebda hin ma jghid li ra lill-imputat isuq din il-vettura kif kien qal allegatament is-Supretendent Bartolo fix-xhieda tieghu**.** Fl-14 ta' Gunju 2007 ex-admisses jghid **"***Huwa ddikjara li qatt ma ra lil xi hadd partikolari b'din il-vettura*".

Illi l-Qorti ssostni li l-unici xhieda li jistghu ikunu ta' rilevanza dwar dawn iz-zewg akkuzi u cioe' ta' serq aggravat u ricettazzjoni huma dawn l-istess tlett xhieda gja indikati u cioe' s-Supretendent Bartolo, Paul Tanti u PS 298 Joseph Grima.

**Kunsiderazzjonijiet Legali.**

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju regjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

F'dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghal diversi sentenzi u awturi rilevanti ghal kaz odiern.

Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Peter Ebejer'**, fejn dik il-Qorti fakkret li: "*l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni."* Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller**

**v Minister of Pension’** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni ‘*proof beyond a reasonable doubt*.’

*“Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. ‘of course it is possible but not in the least probable’, the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.”*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta’ Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija v Joseph Gauci et’,** fejn gie ritenut li:

*“Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.”*

Fil-kawza fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker’** (Qorti tal- Appell Kriminali - deciza fid-dsatax ta’ Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*“it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.”*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale, Vol III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890**:-

*“il cosi’ detto onero della prova, cioe’ il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit”.*

Illi f'dan il-kaz bir-rispett kollu, il-prosekuzzjoni ma pprovatx bl-ahjar mod li l-imputat b'xi mod konkret huwa marbut mas-sejba tal-vettura li giet misruqa salv remotament fis-sens li nstabet quddiem id-dar tieghu bl-affarijiet personali tieghu u cioe' dokumentazzjoni falza ghall-liema akkuza d-difiza irregistrat ammissjoni. Illi ghalhekk bl-ammissjoni tal-imputat stess ghall-akkuza ta' uzu ta' dokumentazzjoni falza li nstabet fuq il-vettura minghajr ma ta spjegazzjoni ta' x'kienet qed taghmel tali dokumentazzjoni fil-vettura misruqa indirettament l-imputat kien qed jammetti li huwa ghamel uzu wkoll mill-vettura Maruti Gypsy u cioe' li ghalhekk kienet fil-pussess tieghu tlett ijiem wara li din insterqet. Dan qed jinghad ghaliex il-pulizija rintraccjat tali dokumentazzjoni minn din il-vettura biss tlett ijiem wara li giet rapportata misruqa u instabet wara il-bieb tal-imputat. Jinghad li l-vettura instabet ukoll bil-wires imqactin quddiem ir-residenza ta' l-imputat u li ghalhekk din hija holqa f'katina ta' provi li l-Prosekuzzjoni trid tipprova ghas-sejba ta' htija. Pero' il-fatt li l-vettura instabet bid-dokumentazzjoni falza tal-imputat, bil-wires imqactin wara il-bieb tar-residenza tieghu flimkien mal-ammissjoni tal-imputat li effettivament ghamel uzu minn dokumentazzjoni li ma kienx destinat ghall-uzu ta' din l-istess vettura, huma kollha holoq fl-istess katina li jindikaw lejn ir-reat ta' serq.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li tapplika t-teorija ta' pussess ricenti ta' haga misruqa. Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghidu l-awturi Inglizi fuq dan is-suggett.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** 1996 pg.1813 para F3.28 jiddisponi is-segwenti:-

"*In cases of handling and theft, on proof of admission of the fact that the accused was found in possession of property so shortly after it was stolen that it can fairly be said that he was in recent possession of it, the jury should be directed that such possession calls for explanation, and if none is given, or one is given which they are convinced is untrue, they are entitled to infer, according to*

*the circumstances, that the accused is either the handler or the thief and to convict accordingly.*"

**Cross and Tapper** fil-ktieb taghhom '**Evidence**' pagna 35 jaghti l-istess spjegazzjoni ghat-teorija in ezami u cioe' huma jghidu s-segwenti:

"*If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen.*"

Meta l-avukat difensur tratta fuq dan il-punt huwa sostna illi l-oggetti misruqa ma nstabux ghand l-imputat immedjatament wara li s-serqa giet rapportata izda l-ghada u ghalhekk kien hemm hafna zmien sabiex l-oggetti in kwistjoni jigu trasmessi minn id ghal id u ma jfissirx li kien l-imputat li kkommetta s-serqa.

Dwar il-hin necessarju sabiex il-pussess jissejjah ricenti l-Qorti taghmel referenza ghall-istess awturi fuq imsemmija u in partikolari lil **Cross and Tapper** li jghidu s-segwenti:

"*It goes without saying that what constitutes recent possession within the meaning of the above doctrine is a question of fact depending on the circumstances of the particular case, but it must be emphasised that, even if no explanation is given by the handler, the jury are entitled but not compelled to convict.*"

**Archbold** fl-opera fuq citata jghid:

"*Relevant factors include the nature of the property, its salability, and any evidence other than of the accused's possession of the goods, connecting him with the nature of the offence charged.*"

Din it-teorija tal-pussess ricenti tal-haga misruqa ilha ghal numru konsiderevoli ta' snin dejjem tigi accettata u addottata mill-Qrati taghna b'mod konsistenti anke minn

din l-istess Qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Silvano Cilia'** deciza fil-31 ta' Mejju 2000. Din it-teorija kif gie ritenut fis-sentenza moghtija ***nhar il-hdax ta Dicembru 1998*** fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Freddie sive Alfred Zahra'**, qieghda hemm sabiex jigi stabbilit in-nexus bejn id-delitt ta' serq, li ghandu fl-ewwel lok jigi ppruvat li sar, u s-suspettat li ghandu tinsab ir-res furtiva ftit tal-hin jew zmien wara s-serqa, nexus li purche' jigu stabbiliti r-rekwiziti kollha ta' din it-tejorija. Jwassal sabiex jinkjoda u jorbot lill-pussessur bis-serq tal-oggett misruq ghandu ftit tal-hin wara s-serqa. Jinghad hawnhekk li l-imputat la fl-istqarrija tieghu u lanqas fix-xhieda li ta l-Qorti viva voce ma jaghti spjegazzjoni ta kif fil-fatt gie fil-pussess tac-cekkijiet misruqa.

Din it-teorija tistabilixxi presunzjoni ta' fatt kontra l-imputat u l-oneru biex jispjega dan il-fatt jaqa' fuqu (haga li m'ghamilx). Illi fl-ebda stadju ma l-imputat ipprova jiggustifika x'kienu qed jaghmlu fil-vettura misruqa id-dokumentazzjoni tieghu ta' vettura ohra u ghalhekk dan in-nuqqas flimkien mac-cirkostanzi l-ohra fuq imsemmija iwasslu l-Qorti sal-grad rikjest mil-ligi li kien l-imputat li seraq il-karozza. Dwar l-aggravji jirrizulta li l-oggett li nsteraq jammonta ghall-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa. Dwar il-valur ma hemmx dubbju li l-valur tal-vettura jecceddi l-elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) u dwar l-aggravju tal-mezz dan jirrizulta wkoll peress li l-vettura insterqet u instaqet permezz ta' connections fil-wires. L-aggravju tal-hin jirrizulta wkoll u dan ghaliex skond l-okkorrenza li ma gietx kontestata is-serqa tal-vettura saret bil-lejl tat-12 ta' Frar 2001.

Dwar l-akkuza ta' ricettazjoni din ma tirrizultax u dan ghaliex inghatat mill-prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza ta' serq aggravat u ghalhekk stante li din il-Qorti qed issibu hati tal-akkuza ta' serq aggravat, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ultejuri ta' din l-istess akkuza.

Il-Qorti rat ukoll it-talba tal-Avukat Generali sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez involuti fil-hatra ta'

l-Esperti konnessi ma’ din l-investigazzjoni, liema talba tidher li hija gustifikata.

Illi ghalhekk jibqa’ li jigi deciz x’inhi l-piena idoneja f’din il-kawza li titratta dwar reati li gew kommssi tnax-il sena ilu. Jigi nnutat li l-Prosekuzzjoni resqet lill-imputat hames snin wara li r-reati gew kommessi u l-kawza damet ghaddejja disa’ snin u zgur mhux tort tad-difiza u lanqas tal-Qorti li tat is-sentenza taghha biss jumejn wara li l-partijiet ittrattaw il-kaz quddiemha. Jinghad li id-difiza bdiet bil-provi taghha dritt wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li m’ghandhiex provi ohra xi tressaq u fil-fatt kien biss fl-4 ta’ April 2013 li bdiet bid-difiza taghha.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat u minn ezami ta’ l-istess jirrizulta li l-imputat instab hati ta’ reati f’erbatax-il darba f’perjodu bejn 1989 u 2013 fejn gie kkundannat pieni ta’ priguneriji, *suspended sentence,* multi u sahansitra anke nghata probations fuq diversi akkuzi ta’ serq, falsifikazzjoni, pussess f’diversi okkazzjonijiet ta’ arma tan-nar minghajr awtorizzazzjoni legittima.

Rat pero’ li l-ahhar reat li tieghu nstab hati kif registrat fil-fedina penali tieghu mahruga fil-21 ta’ Mejju 2013 jirrisali ghas-sena 2005 u ghalhekk mill-provi prodotti jidher li l-imputat qabad it-triq it-tajba u zamm il-boghod mill-hajja ta’ kriminalita’ stante li f’dawn l-ahhar tmien snin ma kkommetta l-ebda reat jew kontravenzjoni ohra.

Stante li din il-Qorti qed issibu hati tal-akkuza ta’ recivida u hija projbita milli tapplika s-sentenza sospiza, din il-Qorti trid jew timponi piena karcerarja jew addirittura taghti Probation Order. Il-piena ta’ multa mhix idoneja stante li l-imputat ghadu kif beda jahdem.

Il-Qorti ghalhekk kif dejjem ghamlet meta rat li l-imputat qed jipprova jghin ruhu hija tal-fehma li ghandha taghti cans lill-imputat sabiex jirreintegra ruhu fis-socjeta’ u ghalhekk thoss li l-aplikazzjoni tal- Probation Order hija idoneja fic-cirkotanzi u dan sabiex isservi ta’ mannara fuq ras l-imputat u isservi bhala deterrent sabiex izomm il-boghod mill-kriminalita’.

Din il-Qorti, pero`, tapprezza wkoll li l-hati issa rrealizza l-izball tieghu,
abbanduna kompletament l-hajja kriminali tieghu u fil-fatt illum qed jahdem u jrabbi annimali bhala xoghol u fil-fat jirrizulta anke mis-social inquiry report tal-Probation Officer Joanne Farrugia li fil-fatt l-imputat kien diga' inghata Probation Order bil-kundizzjoni li jaghmel mija u hamsin siegha xoghol li fil-fatt ghamel mal-Abbandoned Animals Association fejn wettaqhom b'mod sodisfacenti ferm u minghajr problem. Tghid ukoll li l-ikkoncernat ikkopera bi shih ukoll tul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport taghha. In oltre skond dak li stqarret l-istess ufficcjal mill-kuntatt li ghamlet mal-agenziji li ighinu kontra l-abbuz tad-droga jew xorb l-imputat qatt ma kellu kuntatt maghhom u ghalhekk donnu llum rreveda l-prioritajiet f'hajtu (ara f'dan is-sens pagna 10 tar-rapport ta' l-Ufficjal tal-*Probation*). Din il-Qorti, ghalhekk, sejra taghtih l-opportunita` li jibqa' miexi fit-triq tajba li qabad, anke peress li hi sodisfatta li l-hati llum ma jipprezenta ebda perikolu ghas-socjeta`.

Illi pero' cio nonostante thoss li ghandha taghmel ukoll gustizzja mal-vittma u cioe' ma' Joseph Tanti li kellu l-vettura tieghu misruqa. Ghalhekk ai termini ta' l-Artikolu **24**(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas dawk id-danni li sofra u dan fl-ammont ta tlett elef ewro (€3,000) u cioe' l-valur tal-vettura li seraq.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-atikoli tal-Avukat Generali u cioe' l-Artikoli 18, 49, 50, 261 (b) (c) (f) (g) , 263, 267, 270, 271, 278, 279, 289, 334 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat ANTHONY SIVE ANTOINE RAPA hati tal-akkuza kollha kif moghtija lilu mill-prosekuzzjoni salv u b'eccezzjoni ghall-akkuza ta' ricettazzjoni minn liema akkuza qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni u tiddeciedi li tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu massimu permess mill-ligi ta' tlett (3) snin u dan taht il-kundizzjonijiet tal-anness digriet.**

**Tordna ukoll ai termini ta’ l-artikolu 24 (1) tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta’ Malta lill-imputat ihallas is-somma ta’ tlett elef ewro (€3,000) bhala kumpens ghas-serqa in kwistjoni b’dan illi l-Qorti qed taghti il-facilita’ lill-imputa’ sabiex ihallas din is-somma f’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt ewro (€100) fix-xahar liema flus ghandhom jithallew fl-ufficcju tal-probation services.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole sabiex jigi nominat Ufficcjal tal-Probation u taghti ir-rakomandazzjoni taghha li jigi nominat l-istess ufficcjal li rrediga s-social inquiry report Joanna Farrugia.**

**In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha konnessi mal-hatra ta’ esperti konnessi mal-investigazjoni odjerna u cioe’ Profs Alfred Vella [Lm142.02], Joseph Zammit [Lm105.22], PC 1184 Patrick Grech [Lm32], PC 1336 Jesmond Micallef [Lm12.50] fl-ammont totali ta’ mitejn u wiehed u disghin Lira Maltin u erba’ u sebghin centezmu (Lm 291.74) eqwivalenti ghal sitt mija, u disgha u sebghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€679.57) u tikkundannah ihallas l-istess fi zmien sitt xhur mil-lum.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex ikun jaf li ghandu jigbor tali spejjez minghand l-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------